## Il-werrej

Mela mhux suppost fuq palk? ........ 9

Id-drammi ta' Francis Ebejer li nħobb jien ........ 15
*Boulevard* ........ 19
*Menz* ........ 21
*Il-Ħadd fuq il-Bejt* ........ 22
*Meta Morna tal-Mellieħa* ........ 25

Jgħidu x-xjuħ u jgħidu t-tfal, viva viva l-Karnival ........ 28

Maskri, maskerati u fatati tal-imgħoddi ........ 33
Il-Maskerat ........ 35
Il-karattri tal-villa moderna ........ 37
- Anġlu ........ 37
- Manwela ........ 39
- Joe ........ 42
- Melina ........ 43

Il-karattri tad-dar qadima ........ 45
- David ........ 45
- Marija Grazzja ........ 47
- Liljana ........ 50

L-analiżi tal-ewwel att ........ 53
- Ħaġa wara l-oħra ........ 53
- Battuti serji, ċajtiera u oħrajn iktar serji ........ 65
- Is-simboli ........ 75
- L-istrateġiji ........ 79

L-analiżi tat-tieni att ........ 81
- Ħaġa wara l-oħra ........ 81
- Battuti serji, ċajtiera u oħrajn iktar serji ........ 98

Is-simboli ........ 107
L-istrateġiji ........ 111

L-analiżi tat-tielet att ........ 113
Ħaġa wara l-oħra ........ 113
Battuti serji, ċajtiera u oħrajn iktar serji ........ 127
Is-simboli ........ 132
L-istrateġiji ........ 139

Jekk mhux dwar il-Karnival, dwar xiex? ........ 141
L-ossessjoni bl-imgħoddi ........ 141
Il-kontinwità bejn il-passat u l-preżent ........ 143
Il-klassijiet soċjali ........ 145
L-antagoniżmu bejn il-karattri ........ 148
Il-progress ........ 150

Analiżi tajba twassal għal komponiment tajjeb ........ 153
Qabel niktbu nifformulaw ħsibijietna u nniżżlu l-punti ........ 157
Il-komponimenti ........ 162

Il-konklużjoni ........ 167

L-appendiċi ........ 169
Iċ-ċekkjatur ........ 169
Mistoqsijiet ġenerali ........ 171
L-intervista mal-"Maskerat" ........ 173
Ir-referenzi ........ 185

## Mela mhux suppost fuq palk?

Jista' jkun. Imma mhux biss. Dramm jista' jittella' fuq palk f'teatru jew fit-triq, f'appartament, f'sala, fi ġnien, fuq iz-zuntier tal-knisja … dramm jista' jittella' kullimkien. Rajt drammi fi kċina tan-nies u anki f'salott. Fi żmien il-Ġimgħa l-Kbira nieħu gost immur nara d-dramm tal-passjoni fit-toroq tal-Għargħur u meta kont ngħix l-Iskozja rajt ħafna drammi fi knejjes u f'barijiet. Kemm ili naħdem il-Junior College, rajt drammi oħra fil-pjazza u fil-kantin tal-istudenti u waqt il-pandemija, fiż-żmien meta ma stajtx noħroġ mid-dar, rajt ħafna drammi online.

Ikolli nammetti li nieħu gost nidħol f'teatru. U f'Malta għandna ħafna teatri sbieħ fosthom it-Teatru Manoel, it-teatru ta' Spazju Kreattiv, il-Valletta Campus Theatre, it-teatru f'Dar il-Mediterran, Pjazza Teatru Rjal (magħruf l-iktar bħala t-Teatru l-Imwaqqa') u l-Black Box Theatre biex inkun semmejt ftit. Ma nafx intom li qed taqraw dan il-ktieb qattx rajtu xi dramm, musical jew kunċert f'wieħed minn dawn it-teatri. Jew forsi kellkom ix-xorti tirreċtaw jew tkantaw f'wieħed minnhom …

Min jaf kemm friefet ħassejt fl-istonku kull darba li tlajt fuq palk ngħid il-linji tiegħi ta' prinċipessa, jew pirata, reġina ħażina, jew saħħara … dejjem bi msarni f'saqajja li se ninsa kollox, inwaqqa' lil sħabi għaċ-ċajt, nifqa' sala bid-daħq u jibdew jissuttawni bit-tadam u l-bajd! Qed temmnuni żgur. U le jaħasra, qed naqla' minn żniedi. Jien qatt ma ħabbejtu b'dan

il-mod il-palk. Qatt ma ridt inħoss il-friefet, jew l-adrenalina li l-atturi jħossu qabel u wara li jitilgħu fuq il-palk. Qatt ma ridt inqatta' sigħat twal ta' provi għal ġimgħat sħaħ. U allura qatt ma rreċtajt. La qatt kelli partijiet ta' prinċipessi u lanqas ta' sħaħar.

Imma tifhmunix ħażin. It-teatru nħobbu, u kif! Jiena t-tip ta' persuna li nogħxa nidħol f'teatru bil-biljett f'idi, inħares lejn in-numru, infittex il-post, inpoġġi u nipprepara lili nnifsi mentalment biex nara u nisma'. L-hena tiegħi niftaħ il-programm, nara l-atturi min huma, naqra fuqhom u fuq id-dramm, naqra n-noti li jiktbu d-diretturi u l-produtturi, u filwaqt li t-teatru jkun beda jimtela, nipprova nissemma' x'qed jgħidu ta' quddiemi u ta' warajja. Hekk hu, it-teatru għandu dal-gost! Imbagħad nagħlaq il-programm, intella' sieq fuq sieq, nirrilassa, nistenna d-dwal jitbaxxew u ma naħseb fuq xejn iktar. Inħallini nidħol fid-dramm, fil-ħajja u d-dinja tal-karattri għaddejjin minn xena għal oħra. Ġieli, tant nidħol fih li d-dwejjaq u l-ferħ tal-karattri, it-tensjoni u l-ansjetà tagħhom jaqbdu lili wkoll. Nidħaq magħhom, nibki u nirrabja magħhom jew għalihom, ngħid f'qalbi, anki jien naħsibha bħalhom jew jien kieku ma nagħmilx hekk, inkella, kemm nixtieq nista' ngħinhom, nagħtihom parir, daqqa t'id. Kull darba li nara dramm, inqis l-esperjenza bħala waħda unika u kull darba jinbet djalogu fittizju bejni u bejn l-atturi u l-karattri li jkunu qed jinterpretaw. Qatt ma nafni nħoss din l-intensità ta' emozzjonijiet meta nkun qed nara film jew serje. U għal din ir-raġuni, fejn nista' u meta nista', immur nara dramm. Għal din ir-raġuni wkoll, nikteb id-drammi. U minkejja li ma nirreċtax għax ma ninqalax, il-friefet u

l-adrenalina nħosshom kull meta jittella' dramm tiegħi. Inkun wara l-kwinti, jew fuq wara nett tat-teatru jew sala u nkun eċitata daqs l-atturi jew iktar minnhom. Kull dramm huwa esperjenza u kull rappreżentazzjoni tkun dejjem differenti minn dik ta' qabilha jew ta' warajha. Qatt ma naf li poġġejt u rajt dramm minn tiegħi li ma kienx hemm battuti li nbidlu, jew li ntesew, ritmu li nbidel, xi oġġett li sparixxa jew ħaġa jew oħra. Meta nkun mal-udjenza (u mhux wara l-kwinti) inkun nista' nħoss il-polz tagħha, nisma' n-nifsijiet tan-nies u bħalhom nidħaq jew magħhom ninħasad, nirrabja jew nibki. Fost l-iktar drammi li huma għal qalbi hemm, *L-Interdett taħt is-sodda* u *Tebut Isfar*. Tal-ewwel jittratta l-kwistjoni politiko-reliġjuża tas-sittinijiet u tat-tieni jittratta l-ġentrifikazzjoni tal-Belt Valletta. Żewġ drammi politiċi imma miktubin b'mod differenti ħafna minn xulxin. *L-Interdett taħt is-sodda* (2007) huwa dramm b'żewġ karattri li permezz tagħhom nikkummenta fuq ġrajja li seħħet f'pajjiżna fis-sittinijiet u li jien m'għextx. F'*Tebut Isfar* (2018) tlaqt mit-tema attwali tal-ġentrifikazzjoni tal-Belt Valletta, imma esplorajt, fuq kollox, it-tema tal-fraġilità, u l-mod kif iż-żgħir dejjem jiġi ingannat u sfruttat mill-kbir u s-sinjur. Apparti dawn iż-żewġ drammi ktibt ukoll *In-Nisa (Maltin) Jafu Kif* (2013) li jittratta l-ħajja tan-nisa li jkunu għadhom kif kellhom tarbija, u *Pretty Lisa* (2013) li huwa dwar il-vjolenza domestika.

Francis Ebejer kien jikteb l-iktar dwar is-soċjetà ta' żmienu bħalma se naraw tajjeb f'*Karnival*. Sfortunatament, ma nistax ngħid li kelli x-xorti nesperjenza d-drammi ta' Ebejer fuq il-palk. Rajt biss siltiet mid-dramm *Il-Ġaħan ta' Binġemma* mtella' minn Peter Busuttil b'Pino Scicluna bħala l-attur

prinċipali u *Meta Morna tal-Mellieħa* li ttellgħet mill-Maleth flimkien mat-Teatru Manoel. Nittama li jkollna ċ-ċans (kemm jien bħala għalliema, kif ukoll intom bħala studenti) naraw iktar drammi ta' Ebejer fis-snin li ġejjin. Nittama fuq kollox li jkun hawn xi kumpanija teatrali li tagħraf il-validità ta' dramm bħal *Karnival*, id-dramm li niddiskuti f'dan il-ktieb u d-dramm li intom se tkunu qed tistudjaw għall-eżami tal-Avvanzat tal-Malti. Kerha tinstema' l-kelma tistudjaw. Qisni qed inħeġġiġkom tistudjawh bl-amment … li mhux il-każ, minkejja li ċerti battuti tant huma tad-daħq u tant huma sorprendenti li taqrahom darba u tibqa' tiftakarhom, bħal din it-taqbila li l-Maskerat jgħidha iktar minn darba tul id-dramm:

Ċetta furfiċetta
L-għarus tagħha mużikier
Libbisha libsa bajda
Kollha qamel u subien. (68)

Imma ejjew ninsew ftit l-istudju għal mument ċkejken u nippruvaw inħarsu lejn id-dramm bħala esperjenza ta' gost. Ejjew ninsew ukoll il-fatt li mhux se narawh jinħadem fuq il-palk (jew xi mkien ieħor), li mhux se jkollna x-xorti naraw il-Maskerat jaqbeż u jitbellah, jiġbed sieq Manwela u jiżfen ma' Marija Grazzja. Ma jimpurtax. Se npoġġu u naqrawh flok inpoġġu u narawh. Se nirreċtawh aħna stess — f'qalbna jew anki b'vuċi għolja, jekk irridu. Se jkollna l-opportunità nagħmluha ta' karattri differenti bħall-Maskerat u ngħidu l-battuti tiegħu serji u nkejjużi u mbagħad neqilbu t-ton u l-espressjoni ta' wiċċna, u nħallu r-rabja ta' Manwela

taħkimna, u eżatt wara nistgħu nistħajlu li lbisna kostum ta' soru biex ninterpretaw il-karattru ta' Liljana jew ta' tifla biex ngħidu l-battuti ta' Melina u nibqgħu sejrin hekk; nilbsu u ninżgħu l-kostumi u l-maskri ta' karattri differenti.

Il-karattri f'dan id-dramm li se naqraw, għandhom il-karatteristiċi uniċi tagħhom, iġorru bagalja esperjenzi, huma umani bħalna, huma mmudellati fuqna, bit-tajjeb u l-ħażin, bid-dgħufijiet u n-nuqqasijiet, bil-ferħ u t-tamiet jixbhu 'l tagħna. Jekk jirnexxilna nifhmu li dawn huma bnedmin bħalna u li kull azzjoni tagħhom isseħħ mhux b'kapriċċ, imma għax hemm storja sħiħa warajha li ġġagħalhom jaslu jagħmlu ħaġa u mhux oħra, nistgħu, għal waqt ċkejken, nimmaġinawhom ħdejna u magħna; mhux stampati fuq paġna. Nistgħu nidħlu fid-dinja tagħhom bit-taqlib kollu li fiha, bl-għajjat u l-ġenn, bis-silenzji li jkexkxu, bil-ħolm u l-istennija, bl-insulti lejn xulxin … u nindunaw li din dinjithom mhix differenti wisq minn tagħna.

Imma għaliex qed ngħidilkom dan kollu? Għax filwaqt li nemmen li d-dramm għandna qabelxejn narawh, nixtieq nurikom li huwa possibbli naqrawh u nieħdu gost bih xorta waħda. Dan id-dramm ta' Francis Ebejer għandna napprezzawh flimkien bħala test letterarju li jinqara, jiġi mixtarr, jiġi analizzat u mbagħad wara, inkunu wkoll kapaċi nartikolaw l-interpretazzjonijiet tagħna. M'għandniex naqtgħu qalbna u *mhux* se naqtgħu qalbna. Wara kollox il-karattri li se niltaqgħu magħhom huma bħalna, u aħna bħalhom: għandhom x'jaħbu, jew forsi le, jilbsu maskra, ineħħuha, jilbsu oħra … bħalna. Aħna wkoll nilbsu ħafna maskri f'ħajjitna. Nilbsu u ninżgħu u nerġgħu nilbsu … skont ma' min niltaqgħu u fejn inkunu. M'għandniex bżonn

Karnivali biex nilbsu maskra, imma l-Karnival jista' jkun skuża tajba biex jostorna; konċentrazzjoni qawwija ta' żebgħa, maskri u kostumi li jgħinuna ninħbew minna nfusna u l-passat tagħna. Flimkien, ukoll, se jirnexxilna nikxfu bil-mod il-mod x'hemm moħbi fil-karattri ta' dan id-dramm ta' Francis Ebejer.

## Id-drammi ta' Francis Ebejer li nħobb jien

Francis Ebejer twieled u trabba Ħad-Dingli. Kiteb kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Kiteb kemm rumanzi kif ukoll drammi. Il-kittieb u studjuż tat-teatru Mario Azzopardi, fil-ktieb *It-Teatru f'Malta*, isejjaħlu, "missier it-teatru tal-avangwardja f'Malta." (130) Dan għaliex kien Ebejer li beda jikteb drammi intellettwali u ċerebrali b'karattri li, "jfittxu lilhom infushom", (130) u jistaqsu "dwar l-eżistenza tagħhom." (130) Fost id-drammi ta' Francis Ebejer li huma l-iktar magħrufa hemm: *Boulevard*, *Menz*, *Il-Ħadd fuq il-Bejt*, *L-Imnarja Żmien il-Qtil*, *Meta Morna tal-Mellieħa* u *Il-Ġaħan ta' Binġemma*.

Id-dramm *Karnival* mhuwiex wieħed mill-iktar imsemmija u mhuwiex dramm li nkiteb ħafna dwaru. Mhux dramm twil ħafna u huwa mżewwaq b'waqtiet umoristiċi u oħrajn kemxejn iktar serji jew saħansitra mnikkta. Fih karattri li jdaħħquna u oħrajn li jirrabjawna. Fih mumenti li ritmikament iġorruna magħhom, bħalma jiġri f'dan l-inkontru bejn Manwela u l-Maskerat:

| | |
|---|---|
| Manwela: | M'intix qed tara żmerċ, hux,<br>b'dik l-ors ta' maskra li għandek fuq<br>wiċċek? Hawn ġrieden m'hawnx.<br>Dan post nadif, jekk trid tkun taf. |
| Maskerat: | Mela forsi kien pitirross. |
| Anġlu: | Manwela, dan li hu … |
| Maskerat: | Maskerat inġenjuż. Għandi pjaċir<br>bil-konoxxenza. *(tidwira)* |